**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 3 ta' Mejju, 2016**

Numru 13

**Rikors Nru. 955/2015**

**Gasan Enterprises Limited; u**
**Gasan Investments Limited u**
**b'digriet tal-15 ta' Marzu 2016**
**Gasan Investments Limited giet sostitwita**
**b'Gasan Group Limited peress li l-ewwel kumpanija**
**giet amalgamata ma' Gasan Group Limited**

**vs**

**Louis Pace; Alberta Pace; u**
**Mexico Garage Rent-a-Car Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjetajiet attrici tat-8 ta' Ottubru 2015 li jghid hekk:

1. Illi permezz tal-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Attard datat it-2 ta' Settembru 2010 hawn anness u mmarkat bhala "Dok A" ("il-Kuntratt"), Louis Pace, Alberta Pace u s-socjeta Mexico Garage Rent-a-Car Company Limited ikkostitwixxew ruhhom bhala debituri in solidum ghall-hlas tal-ammonti dovuti lir-rikorrenti liema somma hija certa, likwida u dovuta u tammonta ghall-mitejn u tmintax-il elf ewro (€218,000) flimkien ma' imghax ikkalkulat bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-2 ta' Dicembru 2010 ("l-Ammont");

2. Illi skont il-Kuntratt, l-intimati kienu nghataw moratorium ta' disghin (90) gurnata sabiex ihallsu minghajr ma jinfethu proceduri kontrihom u qabel ma jibdew jidekkorru l-interessi (ara para. 2 pagna 7). Kien hemm ukoll il-ftehim illi kemm-il darba id-debituri jhallsu l-ammonti specifikati fi zmien preskritt taht klawsola 3.1 tal-kuntratt (ara pagna 8), id-debituri jinghataw skont fuq l-ammont. Ghalkernrn kien hemm

diversi hlasijiet, li b'kollox ammontaw ghal disat elef mija u tmenin ewro (€9,180) kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "B", l-intimati naqsu milli jhallsu l-ammont;

3. Illi sad-data ta' dan ir-rikors, il-bilanc dovut mill-intimati jammonta ghal mitejn sebgha u disghin elf erba' mija u hames ewro (€297,405) in kwantu mitejn u tmintax-il elf ewro (€218,000) rapprezentanti bilanc kapitali, u in kwantu disgha u sebghin elf erba' mija u hames ewro (€79,405) rapprezentanti imghax ikkalkulat skont il-kuntratt;

4. Illi stante li ghaddew 'l fuq minn tlett snin mid-data minn meta seta' gie esegwit it-titolu ezekuttiv, is-socjetajiet Gasan Enterprises Limited u Gasan Investments Limited ilhom in mora sa mit-3 ta' Settembru tas-sena 2013, permezz tar-rikors odjern, is-socjetajiet rikorrenti qeghdin jitolbu l-permess ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex ikunu jistghu jipprocedu in via ezekuttiva kontra l-intimati u dan skont l-artikolu 258(c) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, billi l-premess gie mahluf mir-rapprezentant fuq imsemmi, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jigu ravvivati d-drittijiet taghhom li jipprocedu in via ezekuttiva kontra l-intimati ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kodici ta' Organiziazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Semghet lil-avukat tas-socjetajiet rikorrenti li ddikjara li l-fatti ma nbiddlux mindu gie prezentat ir-rikors;

Billi mil-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors hi skond il-ligi;

Tilqa’ t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.

Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur